MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 31/2010

**A B**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-fatti hawn taht ddikjarati tafhom hi personalment;
2. Illi hija zzewget lill-intimat fir-Registru Pubbliku fid-29 ta' Mejju 2008;
3. Illi l-intimat izzewweg lir-rikorrenti mhux ghax verament hekk ried jaghmel, izda semplicement sabiex ikun jista jakkwista c-cittadinanza Maltija, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi waqt il-hajja mizzewga li damet biss tmien xhur, l-intimat kien jiffrekwenta nisa ohra u kien baqa` johrog wahdu qisu guvni u qatt ma assuma r-responsabilitajiet ta’ ragel mizzewweg
5. Illi matul dan l-istess perjodu, ir-rikorrenti sfat wkoll vittma ta’ swat tal-intimat diversi drabi l-aktar ghax kienet tigbidlu l-attenzjoni li kienet tiddejjaq li qed jara mara ohra, kif wkoll peress li kien ikun jrid lill-attrici taghtih il-flus;
6. Illi fl-1 ta’ Frar 2009 l-intimat telaq mid-dar matrimonjali u qatt ma gie lura, u issa l-esponenti tinsab infurmata li gie deportat lura lejn pajjizu l-Libya;
7. Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat fid-29 ta’ Mejju 2008 huwa null u bla effett, peress illi l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.
8. Illi ghalhekk wkoll iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett stante li il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi element wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara :

1. Illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti celebrat fit-23 ta’ JAr 2002 huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19(1)(d) u (f) tal-kap 255 Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjes kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata ta’ Dr. Martin Fenech u l-P.L. Sascha Guillaumier li gew nominati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Mohammed S Abdurazag li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizerva li jissotometti risposta ulterjuri meta jkun jaf il-fatti;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti Dr. Martin Fenech u il-P.L. Sascha Giullaumier;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti illi gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attrici A B u l-intimat assenti Mohammed S. Abdurazag tad-29 ta’ Mejju 2008 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(d) u (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Illi min-naha taghhom, il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti intimat, iddikjaraw li m’humiex edotti mill-fatti u ghalhekk irriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri f’kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

**<u>Il-verzjoni tal-attrici</u>**

L-attrici tghid li l-intimat izzewwigha ghal ragunijiet ta’ konvenjenza u xejn aktar *stante* li ried jikseb ic-cittadinanza Maltija. Hija tghid li sa’ mill-bidu nett tal-gherusija taghhom, l-intimat assenti kien isemmi z-zwieg ghax kellu l-biza’ li ser ikollu jitlaq minn Malta u sussegwentement ikollu l-problemi biex jerga’ jidhol lura. Hi tghid ukoll li l-istess gherusija taghhom ma kienitx wahda normali fis-sens li Mohammed ma kienx imur id-dar ta’ ommha u missierha peress li kienet taf ukoll li missierha ma kienx ser jaccettah. Tghid ukoll li fl-istess zmien tal-gherusija, ommha kellha problemi ta’ sahha tant li kien hemm zmien fejn kienet qieghda fil-periklu li titlef hajjitha. Missierha kien ikkoncentrat fuq is-sahha ta’ martu filwaqt li l-attrici kienet tghix ghal rasha. Imbaghad, meta ommha marret ghall-ahjar u dan kollu fiz-zmien l-gherusija, l-attrici hadet lill-ommha ghandha sabiex tkun tista’ tiehu hsiebha ahjar peress li ommha kienet qed tbati

bid-dimentia. Qabel ma fattwalment sar z-zwieg bejn il-partijiet, omm l-attrici kienet regghet irritornat lura f’darha. Kien biss wara z-zwieg li l-attrici informat lill-genituri taghha li kienet izzewget. L-attrici tghid li qabel ma zzewgu, l-intimat kien jghidilha li jhobbha u li kien inkwetat li ser jibghatuh minn Malta peress li kienet ser tiskadilu l-visa. Tghid li dak iz-zmien kienet tahseb li thobbu wkoll izda wara z-zwieg kollox inbidel. Dan ghaliex l-attrici tghid li l-intimat beda johrog kull jum, imur lura d-dar tard, jirrifjuta li jiekol maghha ghaliex kien ikun irid ikel gharbi, kellu relazzjoni ma’ mara ohra u wara li jkun taha xi haga tal-flus, normalment fl-ammont ta’ €20, kien jerga’ jitlobhomlha lura filghaxija. L-attrici tghid li kienet tghix u tghaddi bil-flus li taghtiha ommha ghaliex zewgha ma kienx ta’ sapport jew ta’ ghajnuna finanzjarja. Barra minn hekk, hi tghid ukoll li meta kienet taffrontah fuq ir-relazzjoni adultera tieghu, kien jarma jsawwatha u jghidilha li qieghed jixrob minhabba fiha. L-attrici tghid ukoll li l-intimat ammetta mal-Pulizija dwar il-vjolenza u s-swat li huwa kkommetta fuqha u gie skortat barra minn Malta.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz odjern</u>**

Il-Qorti tirrileva li l-unika prova li ngabet quddiem din l-Onorabbli Qorti hija x-xiehda tal-attrici viva-voce. Ma giet esebita ebda prova ohra u ghaldaqstant, il-Qorti trid necessarjament tevalwa din ix-xiehda, anke fin-nuqqas ta’ risposta dettaljata dwar il-verzjoni tal-intimat, u tara jekk gewx pruvati l-elementi necessarji ghal dikjarazzjoni ta’ nullita’ jew le.

**<u>Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe’ li l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat, minhabba anomalija psikologika serja, kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[1] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din il-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"**.**

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[2] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[2] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

In vista tal-gurisprudenza citata aktar ‘il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, l-attrici ma kellhiex id-diskrezzjoni necessarja sabiex tasal ghal decizjoni valida u dan anke in vista tad-dikjarazzjoni taghha stess meta, wara li giet mistoqsija dirrettament mill-Qorti dwar x’wassalha biex tizzewweg fl-istess zmien li kienet qieghda tiehu hsieb lill-ommha f’darha stess, tghid li “***dak il-hin ma qist xejn***”. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li jidher li l-attrici hadet iz-zwieg bhala xi haga ta’ importanza minima tant li lanqas biss qieset il-pass li kienet ser tiehu, pero’ dan l-agir minnu nnifsu huwa prova cara ta’ kemm l-attrici qieset iz-zwieg bhala mezz ta’ kif ser issolvi l-problema ta’ Mohammed dwar il-visa ghaliex hu kien igielha tahseb li jhobbha. Mill-provi migjuba quddiem il-Qorti u dan anke miz-zmien tal-gherusija u z-zmien ta’ konvivenza bhala mizzewgin irrizulta li dak li l-intimat verament ried kienet ic-certezza li jkun jista’ jibqa’ hawn Malta u mhux li jizzewweg b’intenzjoni ghal zwieg veru u dejjiemi. Ghalhekk, il-Qorti tirrileva li jidher car li min-naha tieghu l-intimat ma kellux id-diskrezzjoni necessarja sabiex jidhol ghal dan iz-zwieg ghaliex ra z-zwieg biss bhala mezz ta’ kif ikun jista’ jikseb ic-cittadinanza Maltija. Min-naha l-ohra, l-attrici wkoll dahlet ghal dan iz-zwieg minghajr ma hasbet fil-konsegwenzi. Dan jidher li kien kontribwit mill-fatt li l-intimat kien qieghed jaghmel xi forma ta’ pressjoni ghal zwieg ta’ malajr kif ukoll mill-fatt li fl-istess zmien, l-attrici kellha problemi ohra fuq xhiex tinkwieta tant li hija stess tiddikjara li dak il-hin ma qieset xejn. Dan iwassal lill-Qorti ghall-konkluzjoni li anke min-naha tal-attrici jidher car li kien hemm nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju illi ivvizja il-kunsens taghha ghaz-zwieg.

**<u>Dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe’ li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’eskluzjoni pozittiva ta’ wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[3] fejn gie ritenut li “***rigward***

[3] Deciza nhar it-2 ta’ Ottubru 2003 mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili

***x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament ippruvat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-Qorti tirrileva illi l-unika prova jew ghall-anqas hjiel fuq l-intenzjoni tal-intimat ghal dan iz-zwieg hija x-xiehda tal-attrici stess li tghid li hekk kif sar iz-zwieg, l-intimat inbidel, beda relazzjoni ma' mara ohra u lilha beda jittrattaha hazin, tant li sahansitra refa' idejh fuqha. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-partijiet ghexu flimkien ghal kwazi sena (ghalkemm dan sar b'diffikultajiet kif gie spjegat aktar 'il fuq) izda il-Qorti mhix konvinta li l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'simulazzjoni u dan anke in vista tal-fatt li l-attrici stess tghid li kienet tahseb li thobbu filwaqt li l-intimat kellu kull intenzjoni li jizzewweg biex isolvi l-problemi tieghu relatati mal-visa. L-attrici ma ssemmi xejn dwar xi possibilita' li l-intimat eskluda xi wahda mill-obbligi essenzjali taz-zwieg. Huwa veru li ssemmi r-relazjoni adultera ma' din il-mara pero' il-Qorti trid tkun necessarjament konvinta li din ir-relazzjoni kienet verament frott tal-eskluzjoni tal-fedelta' u mhux sempliciment adulterju li sehh wara z-zwieg sabiex tkun

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

tista' biex tasal ghall-konkluzjoni li kien vizzju fil-kunsens abbazi ta' din ir-relazzjoni. Il-Qorti m'hijiex konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li dan verament kien il-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi abbazi tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partijiet, b'dan illi l-ispejjez u d-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jigu imhallsa provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------